

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għal-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment ta' fastidju psikoloġiku mressaq mir-rikorrent kontra ċ-Chief Operating Officer tas-SEAE.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-14 ta' April 2014 li permezz tagħha s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ċaħad it-talba għal assistenza skont l-Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea mressqa minn S. De Loecker hija annullata.
- 2) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn S. De Loecker.

⁽¹⁾ ĠU C 178, 1/6/2015, p. 25.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Diċembru 2015 – Bonazzi vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-88/15) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Eżerċizzju ta' promozzjoni 2014 — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni mid-direttorati ġenerali u mid-dipartimenti — Ommissjoni ta' isem ir-rikorrent — Possibbiltà li tiġi kkontestata l-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni quddiem il-kumitat konġunt għall-promozzjoni — Assenza ta' adozzjoni ta' pożizzjoni mill-kumitat konġunt għall-promozzjoni — Eżami komparattiv tal-merti imwettaq mill-Awtorità tal-Ħatra biss)

(2016/C 048/111)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Matteo Bonazzi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea [rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti]

Suġġett tal-kawża

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad segwenti (AD 12) fl-eżerċizzju ta' promozzjoni 2014 u talba għal kumpens għad-danni morali allegatament subiti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) M. Bonazzi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 279, 24/08/2015, p. 61.